MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 2118/2002

**Pater Finance Co. Ltd**

**vs**

**Donald Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru 2002, fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' disa' mitt lira Maltin (Lm900.00) rappresentanti import ta' ghaxar kambjali, ta' Lm90.00 il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Dicembru 2001 sa Settembru 2002 rispettivament u mhux imhallsa (Dok. 1 sa 10.
Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-1 ta' Settembru 2002 jammontaw ghal Lm29.00, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, inkluzi Lm6.00 konsult, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Neville Camilleri in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ disa’ mitt lira Maltin (Lm900.00) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, eskluzi s-Lm6.00 konsult, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------